



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**2016/0384 (COD)
LEX 1748**

**Strasburgu, 4 ta' Lulju 2017
(OR. en)**

**PE-CONS 21/1/17
REV 1**

**FSTR 39
FC 40
REGIO 55
SOC 309
EMPL 232
BUDGET 16
AGRISTR 42
PECHE 188
CADREFIN 53
CODEC 733**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) NRU 1303/2013
FIR-RIGWARD TA' MIŻURI SPEĊIFIĊI GĦALL-PROVVISTA TA' ASSISTENZA
ADDIZZJONALI LILL-ISTATI MEMBRI AFFETTWATI MINN DIŻASTRI NATURALI**

REGOLAMENT (UE) 2017/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Lulju 2017

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013
fir-rigward ta' miżuri speċifiċi
għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri
affettwati minn diżastri naturali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Komitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 173, 31.5.2017, p. 38.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2017.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi regoli komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ('FEŻR'). Sabiex tiġi provduta assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali, jenħtieġ li tiġi pprovduta l-possibbiltà tal-introduzzjoni f'programm operazzjonali ta' assi ta' prijorità separat li jkopri l-prijoritajiet tal-investiment tal-FEŻR kif imwaqqaf fir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² b'rata ta' kofinanzjament li tasal sa 95%.
- (2) Jenħtieġ li l-operazzjonijiet li jiġu kofinanzjati taħt l-assi ta' prijorità separat għal diżastri naturali jkunu dawk immirati lejn ir-rikostruzzjoni bħala rispons għal diżastri naturali ewlenin jew reġjonali kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002³.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir u l-impjegi u li jirrevokar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

- (3) Għal operazzjonijiet taħt l-assi ta' prijorità separat għal diżastri naturali, huwa neċessarju li tiġi introdotta deroga mir-regoli ġenerali li jikkonċernaw id-data ta' bidu tal-eliġibbiltà ta' nefqa b'rabta ma' nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat ta' emenda ta' programm, biex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' miżuri ta' kofinanzjament meħuda minn awtoritajiet ta' Stat Membru direttament wara li jkun seħħ diżastru, iżda qabel ma jiġi emendat il-programm operazzjonali.
- (4) Sabiex isir provvediment għall-eliġibbiltà ta' nefqa mġarrba u mħallsa sa mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali, anke jekk dik tkun qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li d-dispożizzjoni korrispondenti dwar id-data ta' bidu ta' eliġibbiltà ta' benefiċjarji jkollha effett retroattiv.
- (5) Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1303/2013 għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013

Fl-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

- '8. Assi ta' prijorità separat b'rata ta' kofinanzjament li tasal sa 95 % jista' jiġi stabbilit fi ħdan programm operazzjonali bħala appoġġ għal operazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) l-operazzjonijiet huma magħżula minn awtoritajiet tal-immaniġġjar bħala rispons għal diżastri naturali ewlenin jew reġjonali kif definiti fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002*;
 - (b) l-operazzjonijiet huma immirati lejn rikostruzzjoni bħala rispons għad-diżastru naturali; u
 - (c) l-operazzjonijiet huma appoġġati taħt prijorità ta' investiment tal-FEŻR.

L-ammont allokat għall-operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandux jaqbeż 5 % tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR fi Stat Membru għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

B'deroga mill-Artikolu 65(9), in-nefqa għal operazzjonijiet taħt dan l-assi ta' prijorità għandha tkun eliġibbli mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali.

Fejn in-nefqa b'rabta ma' operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tkun ġiet inkluża f'applikazzjoni ta' pagament sottomessa lill-Kummissjoni qabel it-twaqqif tal-assi ta' prijorità separat, l-Istat Membru għandu jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għall-applikazzjoni ta' pagament li jmiss u, fejn xieraq, għall-kontijiet li ġejjin sottomessi wara l-adozzjoni tal-emenda għall-programm.

* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).'

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President